# L-ISPTAR TAL-GWARDAMANĠA

*Ta'* P. Mattew Kappuċċin

Hekk tafu n-nies: Kalvarju ta' tbatija,
Saltna ta' dwejjaq, biki, dmugħ w uġigħ,
Fejn jidħlu niesna b'refgħa mard mgħobbija.
Min ma jgħidx hekk, għax qatt ma daħal fih.

Hekk nafu jien, għax fih il-poeżija
Ma semmgħet qatt il-versi tagħha sbieħ;
Jafha kulħadd! fejn hemm qlub imbikkija
Ma tistax tisma' daqq u għana ferrieħ.

Jekk nimrad jien jew saħħti nħossha mejta
Ma nersaqx 'l hemm,imqar b'nofs saħħa mmur
Nimtedd għall-kenn fuq il-ħuxlief, ġo bejta.

Hemmhekk infieq, m'hemmx biki xi jdejjaqni;
Hemm nieħu saħħti bl-għana tal-għasfur
Għax l-għana għalija duwa li tfejjaqni.